MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 34

[Nhar it-Tlieta is-17 ta' Jannar 2017]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Joseph Galea – Kunsillier
Neville Chetcuti – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Schembri – Kunsilliera
Jeremy Cardona– Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippresjeda l-laqgħa.

## 34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

34.1.1 N/A

## 34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

34.2.1 B'referenza għal punt 32.2.2, IS-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-Traffic Lights se jibdew jaħdmu kif suppost, iżda se jkun hemm tlett minuti 'waiting time' biex jaqilbu l-lights biex jaqsmu n-nies.

34.2.2 Is-Sindku ppropona li naqsmu l-lokalita f'sitt zoni meta naħdmu fuq it-traffic management system u jkun hemm rappreżentant minn kull parti tal-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna talba biex triq Antonio Sammut/il-Madonna tal-Ġebla ssir one-way. Il-Kunsill se jikkonsidra l-proposta meta naħdmu fuq is-sistema l-ġdida tal-lokalita.

34.2.3 B'referenza għal punt nru. 32.2.3, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mill-ġurnata tal-laqgħa bdew bis-sistema ta' one way il-ġdida [triq Giacint Tua u triq Wied il-Kappara]

34.2.4 B'referenza għal punt nru. 31.2.8, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur qal illi se jlesti x-xogħol fuq l-istage fix-xahar ta' Jannar.

34.2.5 Il-Kunsill qabel illi namalgamaw l-inawgurazzjoni ta' Bieb il-Gżira mall-attivitajiet ta' Jum il-Gżira f'Mejju. Is-Sindku ppropona li nagħmlu kuntatt mas-sur Joseph Ian Attard/Prof. Mangion biex jagħtu ftit informazzjoni fuq l-istorja tal-post. Il-kunsillier Joseph Galea ppropona li nagħtu tindifa fl-area u nagħmlu ħadid madwar il-Bieb. Il-Kunsill qabel.

34.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minflok ma naqbdu u nordnaw l-anti-slip, se naraw fejn hemm bżonn u nixtru biżżejjed għall-bzonnijiet tagħna.

34.2.7 Is-Sindku qal illi kellu 'second thoughts' fuq il-proposta għall-Urban Improvement Strategy u ppropona li minflok ma niġbru flus mill-businesses, noħorġu kuntrattu u nieħdu ħsieb aħna. Qal illi kif konna se naħdmu, hemm lok ta' konflitt t'interess u b'hekk għandna naħdmu aħjar bil-proposta tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nistgħu noħorġu Expression of Interest ħalli jiġu bi proposti l-periti u noħorġu kuntratt wara li nirċeivu ftit ideat. Ippropona li wara nistaw immorru għand il-businesses biex jagħtu sehemhom bħala sponsors. Il-Viċi Sindku ssekondja l-proposta.

34.2.8 B'referenza għal punt nru. 32.4.3, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ra l-EOI u l-Kunsill ma jistax jibqa miexi kontra l-proċeduri. Ippropona li noħorġu sejħa mill-ġdid. Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi min se jaħdem magħna, l-aħjar li jkollu esperjenza ma' kunsilli

oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ma jistax jitlob għall-esperjenza fl-ispecs iżda wieħed illi jkollu esperjenza ma' kunsilli oħra se jkollu vantaġġ fuq ħaddieħor.

34.2.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadu ma rċieva l-ebda konferma mid-DLG rigward l-approvazzjoni tal-leave tal-impjegat tal-Kunsill illi ngħata extra leave [ref punt 32.5.1]

34.2.10 Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa tal-baġit [draft]

## 34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

34.3.1 Is-Sindku qara emajl illi kien bagħat lill-Ministru fejn talab għall-informazzjoni rigward it-talba tal-Kunsill fuq Manoel Island. Il-Ministru wieġeb illi d-Direttur tal-Gvern Lokali għandu jieħu ħsieb.

34.3.2 Is-Sindku qal illi bagħtna lil TM biex jibagħtu pjan ta' dak illi se jiġri vis-a-vis il-ġnien Il-Kunsill t'Ewropa. Is-Sindku qal illi ma jaqbilx illi nitilfu kontroll tal-ġnien aħna. Talab l-approvazzjoni tal-Kunsill għall-kriterji li għandna nibagħtu lill-TM. Dawn kienu

1. Il-manutenzjoni għandha tibqa responsabbilita tal-Kunsill. Min jieħu l-kuntratt għandu jagħti kontribuzzjoni lill-Kunsill għall-manutenzjoni iżda nieħdu ħsieb ix-xogħol aħna
2. Il-ġnien jibqa devolut lill-Kunsill
3. Irid ikun hemm rappreżentant tal-Kunsill fl -adjudication board
4. L-area kummerċjali għandha tiġi diskussa u maqbula mall-Kunsill
5. Il-Kunsill jista jagħmel użu tal-ġnien meta jrid.
6. Għal kull attività li ssir fil-ġnien għandu joħroġ permess mill-Kunsill
7. Il-Kunsill għandu jieħu kull deċiżjoni fuq l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ġnien
8. TM għandhom jiddiskutu l-RFP mall-Kunsill. Għandha tiġi diskussa mall-Kunsill qabel ma toħroġ.
9. Jekk ser ikun hemm tibdil fil-bandli, kif ukoll fl-outdoor gym, għandu jkun hemm qbil mall-Kunsill.
10. Il-Kunsill għandu jkun parti min-negozju għall-kuntratt u tali kuntratt irid jiġi ffirmat flimkien mal-Kunsill

Il-Kunsill qabel mal-proposti.

### Il-kunsillier Wayne Hewitt telaq fis-6.45pm

34.3.3 Is-Sindku qara talba minn impjegat tal-Kunsill biex jibda jaħdem 2.45hrs kuljum bit-teleworking. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan il-persuna għandu raġunijiet validi għalfejn jixtieq jaħdem hekk u qal illi xorta waħda x-xogħol jista jsir mingħajr problemi. Il-Kunsill qabel mat-talba.

34.3.4 Ittieħdu deċiżjoni fuq talbiet ta' Tower Cranes:

Pjazza Gerry Zammit: Il-Kunsill qabel illi l-base tal-krejn trid titressaq naqra biex ikun hemm inqas perikli għall-karrozzi.
Triq ir-Rebħa [Adelphi]: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn talbu 11 parking spaces waqt il-perjodu ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-Tower Crane iżda mhux se jagħtu permess għal-No Parking

Triq Sir William Reid: Peress illi diġà hemm Tower Crane viċin, il-Kunsill qabel illi ma nagħtux go-ahead sakemm jispiċċa l-ieħor.

34.3.5 Il-Kunsill irċieva talba għal dawn l-Un/Loadings u RESERVED

Times Gone By: Sliema Road: Il-Kunsill qabel illi tingħata Un/Loading Bay bejn is-7am u 1pm.
Benny Frame Shop: triq Carlo Manche: Il-Kunsill qabel illi naqilbu l-parking minn naħa san-naħa l-oħra b'hekk it-talba tkun irrelevanti.
Lotto Office: Ix-Xatt: Is-sid tal-Lotto qal illi kellu RESERVED li saret parking bay normali. Is-Sindku rrimarka li kien xogħol ta' TM. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi dan għandu RESERVED bay ftit isfel minflok. Fuq dan il-punt il-kunsillier Joseph Galea qal illi tal-Lotto ta' triq Ponsomby għandu bżonn tabella biex nindikaw il-ħinijiet tar-RESERVED.
Blue Badge Holder: Upper St. Albert: Il-Kunsill qabel mal-applikazzjoni għad-Disabled Badge Holder għar-resident li joqgħod fit-triq imsemmi.

34.3.6 Is-Sindku qara l-istima ta JF Mallia biex jieħu ħsieb il-ħsara ġewwa Pjazza Meme u biex ikun hemm dawl. L-EneMalta kienu ġew biex jagħmlu l-High Tension Cables u għamlu l-ħsara bil-cables tagħna u l-Kunsill spiċċa mingħajr dawl. Il-kuntrattur qal illi m'hemmx supply minħabba l-ħsara li għamlu EneMalta.
Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel illi nħalsu l-ammont ta' €552 għall-manutenzjoni.

34.3.7 L-EFRU għamlu talba biex jagħmlu event fil-ġnien il-Kunsill t'Ewropa fil-11 ta' Mejju fejn fost l-affarijiet se jkun hemm demonstrations tar-rescue teams. Il-Kunsill qabel.

34.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba biex insibu faċilitajiet għal tim tar-Rugby [Gladiators] u jibdew jieħdu l-isem ta' Gżira Gladiators. Il-Kunsill qabel mal-proposta u għandna naraw meta jixtiequ jagħmlu trejning ħalli nsibu post addattat.

34.3.9 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni talba mill-event organizer għall-attivita li jixtieq itella għall-Karnival. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment u qalu li m'għandux jaqbeż €1000. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se nnaqsu l-ammont ta' infieq mill-ammont ibaġitjat għall-attivitajiet tal-kommunita.

## 34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

34.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva mistoqsijiet mill-kunsillieri Wayne Hewitt u Jeremy Cardona iżda peress illi ma kienux preżenti, dawn għandhom jintwieġbu meta jkunu preżenti darb'oħra

34.4.2 Il-kunsillier Jospeh Galea staqsa għalfejn tnaqqas l-allowance tal-kunsillieri li m'attendewx għal-laqgħat meta kellhom l-isptar jew kellhom raġunijiet validi għalfejn biex ma jattendux għal-laqgħat. Is-Sindku spjega li hu ma qabilx mad-direttiva tad-Dipartiment u li fil-fehma tiegħu wieħed għandu jkun skużat, u imħallas, meta ma jattendix għal-laqgħa għar-raġunijiet validi.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mexa skond id-direttivi tad-DLG u jaf illi hemm min imur jagħmel xogħol il-Kunsill kuljum u spiċċa ma tħallasx għax kien qiegħed l-isptar.
Il-kunsilliera esprimew id-diżapunt tagħhom mad-direttiva u insistew illi jkun hemm pressure biex din tinbidel.
Il-kunsillier Joseph Galea qal illi jemmen illi kull min kien skużat għandu jieħu l-flus u dan jiġi rifondat jekk id-Direttur ma jaċċettax

34.4.3 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa jekk il-Kunsill jista jbiddel il-bins illi hemm max-Xatt illi għandhom il-bibien imkissrin. Is-Sindku qal illi għandhom isiru jew jitranġaw.

## 34.5 Rapporti

34.5.1 Is-Sindku qara r-rapport tal-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv fejn qal illi kien kuntent bix-xogħol u rrakomanda li jieħu l-full Performance Bonus. Il-Kunsill qabel.

## 34.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

34.6.1 Traffic Committee: Il-Kunsill jista jlesti rapport ħolistiku wara li naraw kif se naħdmu eżatt. Is-Sindku ppropona li naraw mal-Universita jekk huwa possibbli nammalgamaw magħhom biex tinbena underground parking taħt il-grawnd tal-futbol.

34.6.2 Uffiċjal Eżekuttiv: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi impjegata waħda kienet eliġġibli għas-sejħa interna. Il-Kunsill qabel illi s-sinjura Cathleen Diacono tibda taħdem bħala Uffiċjal Eżekuttiv. B'hekk il-Kunsill se jkollu membru tal-istaff taħt kull skala possibbli.

34.6.3 Tender: Karozza: Ma kien hemm l-ebda bid għat-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jerġa joħroġ it-tender. Il-kunsillier Neville Chetcuti rrakomanda li noħorġu avviż fuq il-gazzetti kollha. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jagħtu tmient'ijiem opportunita biex wieħed jitfa l-bids. Il-Kunsill qabel.

34.6.4 Bye-law Riklami fuq Għamara tat-toroq: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna l-approvazzjoni tal-Ministru u talab l-approvazzjoni tal-kunsillieri għad-dokument. Il-Kunsill qabel. Id-dokumenti ffirmati se jintbagħtu lid-Dipartiment.

34.6.5 Bye-law Projbizzjoni tax-xorb alkoħoliku: Il-Kunsill qabel mal-proposti. Dawn se jintbagħtu lid-DLG għall-approvazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat mill-bidu tal-laqgħa u talab l-approvazzjoni tal-kunsilliera preżenti biex nestendu l-laqgħa biex jiġu diskussi l-items kollha fl-Aġenda. Il-Kunsill qabel.

## 34.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

34.7.1 Il-Kunsill approva l-PAS.

## 34.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

34.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-9pm u ġiet aġġornata għas-7 ta' Frar 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum it-Tlieta 7 ta' Frar 2017.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Segretarju Eżekuttiv